**14 ta' Novembru, 1964**

**Imħallef:**

**Onor. Edoardo Magri, LL.D.**

Paolo D'Amato noe

Joseph Ebejer

**Danni — Inkapaċità — "Lucrum cessans" — Patria potestà — Art. 1088, Kodiċi Ċivili.**

*Il-"lucrum cessans" huwa parti mid-danni risarċibbli mħabba l-inkapaċità permanenti, u illi għal din l-inkapaċità l-Qorti għandha tagħti somma li l-"quantum" tagħha hija fid-diskrezzjoni tal-Qorti.*

*Fl-eżerċizzju ta' dan l-arbitriju diskrezzjonali tagħha l-Qorti għandha tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad ta' nkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti tal-ġisem illi tbati l-ħsara.*

*Meta l-missier jidher bħala leġittimu rappreżentant ta' tifel minuri jibqa' dejjem huwa bħala missier responsabbli għall-kura ta ibnu, u kwalunkwe somma erogata fl-interess ta' ibnu hija ripetibbli anki minnu stess, billi waqt il-patria potestà l-missier għandu kwalunkwe setgħa li jamministra l-beni ta' ibnu minuri, u illi jidher għalihom għan-nom tal-istess minuri.*

**Il-Qorti,** rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine — premessi d-dikjarazzjonijiet kollha u mogħtija l-provvedimenti

opportuni — billi fil-11 ta' Mejju, 1961, f'Marfa Road, Mellieħa, il-bus numru 532, misjuqa mill-konvenut inqalbet għal raġunijiet li għalihom l-istess konvenut kien unikament responsabbli mħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġini, imperizja u inosservanza tar-regolamenti, l-attur nomine sofra danni konsiderevoli billi bintu minuri Rita sfat korruta gravament kif jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, u irriportat feriti ta' natura gravi li ħallew deformità fil-fiżiku tat-tifla u debiliment permanenti fil-funzjoni ta' ġisimha, u spejjeż ta' sptar, dieta speċjali u danni oħra; billi x'aktarx ser ikun hemm bżonn ta' intervent kirurġiku fuq il-persuna tat-tifla tal-attur — talab li (1) il-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti bħala responsabbli għad-danni kollha li sofra l-attur nomine bħala konsegwenza tal-inċident stradali fuq imsemmi li ġara unikament imħabba nuqqas ta' għaqal, traskuraġni, imperizja u nonosservanza tar-regolamenti da parti tiegħu, fil-każ ta' bżonn per opera ta' periti nominandi (2) din il-Qorti tillikwida d-danni sofferti mill-attur nomine bħala konsegwenza tal-inċident fuq imsemmi (3) din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur nomine dik is-somma li tiġi likwidata kif intqal fuq għar-raġunijiet fuq premessi in linea tad-danni kollha sofferti minnu; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Omissis.

Rat il-verbal tat-28 ta' Mejju, 1962 fejn Dr. H. Harding, għall-konvenut, jiddikjara li l-istess konvenut jammetti r-responsabbiltà tad-danni mitluba fiċ-ċitazzjoni, b'mod li jibqa' biss li ssir il-likwidazzjoni tal-istess danni.

Omissis.

Ikkunsidrat:

Omissis.

Li l-Qorti tħoss li l-inkapaċità mhiex dik biss għax-xogħol, iżda hija ta' natura wisq varja, li, fost l-ispeċi tagħha tikkomprendi anki dik relativa għax-xogħol.

Li infatti, il-liġi tagħna qabel ma ġiet emendata f'dina l-materja kienet tiddisponi fl-art. 1088 tal-Kodiċi Ċivili li fost id-danni risarċibbli mill-persuna responsabbli taħt l-actio legis aquiliae", issemmi wkoll it-telf ta' qliegħ li l-parti danneġġjata tbati 'l quddiem imħabba inkapaċità permanenti, totali jew parzjali bħala konsegwenza tal-att dannus. Fit-tieni subartikolu ta' l-imsemmi artikolu huwa testwalment dispost: "Is-somma li għandha tiġi mogħtija għal dina l-inkapaċità tiġi stabilita mill-Qorti wara li tqies iċ-ċirkostanzi tal-każ, u fuq kollox x-xorta u l-grad tal-inkapaċità kaġunata u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara; iżda meta l-ħsara mhiex kaġunata dolosament, is-somma stabilita mill-Qorti m'għandiex tkun iżjed minn elf u mitejn lira (£1200)".

Li, minn dina d-dispożizzjoni tal-liġi, jinnisslu dawna r-rekwiżiti:—

1) Li l-"lucrum cessans" huwa parti mid-danni risarċibbli mħabba l-inkapaċità permanenti;

2) Li għal dina l-inkapaċità tingħata somma mill-Qorti;

3) Li, dina s-somma m'għandhiex tiskorri, f'każ ta' ħtija, il-maximum ta' £1200;

4) Li fl-eżerċizzju tal-arbitriju diskrezzjonali tagħha l-Qorti għandha tqies iċ-ċirkostanzi tal-każ, ix-xorta u grad tal-inkapaċità, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-ħsara.

Ikkunsidrat:

Li, a rigward tal-quantum stabilit bħala maximum tar-

risarċiment, l-istess motivi li kienu ġagħlu l-leġislatur ta' al-lura jadotta l-emenda tal-1938, li elevat il-maximum minn £100, għal £1200, induċew il-leġislatur odjern jimponi rinnovament radikali f'dina l-materja, billi ħass ġustament li "purchasing power' diminwit tal-flus, akkoppjat mal-akkreximenti esiġenzi tal-intensità tal-ħajja u l-opportunità ta' qliegħ aktar markat li dina toffri. ma kienux aktar jikkorrispondu mal-entità tar-risarċiment tad-danni li wieħed ibati f'każ ta' inkapaċità permanenti jew ta' mewt. Infatti l-emenda tal-1 ta' Awissu, 1962, l-ammont tad-dannu risarċibbli lid-danneġġjat ma ġiex aktar limitat fil-maximum tiegħu għas-somma determinata; u kwindi ġie mħolli fil-kriterju diskrezzjonali tal-Qorti li tillikwida l-kumpens adegwat skond il-każ u ċ-ċirkostanzi.

Ikkunsidrat:

Li huwa magħruf li f'materja probatorja rigward it-telf tal-qliegħ tad-danneġġat,"sufficeunt praesumptiones"; u li mhuwiex possibbli li l-Qorti tiddeċiedi fuq skali fissi. iżda għandha tadotta sistema approssimativ ta' ġudizzju fil-likwidazzjoni ta' dana l-ammont "that in the civilisation of to-day is regarded as reasonable for that particular head of damages" (Qorti tal-App. Ingliża: in re "Bailey vs. Howard", 14 ta' Diċembru, 1938). F'dina l-indaġini: "La libertà di apprezzamento del giudice è ben grande: riconoscere se esista danno e quale ne sia l'entità è compito lasciato interamente al criterio suo" (Chironi; La colpa extra-Contrattuale, Vol. II, para. 431 paġ. 248).

Ikkunsidrat:

Li l-inkapaċità permanenti kaġunata lit-tifla tal-attur hija gravi ħafna. Wieħed m'għandux iħares lejha biss mill-grad tal-inkapaċità għax-xogħol, iżda mill-kompless tal-konsegwenzi deleterji li l-ustjonijiet ħallew fuq i-persuna tagħha, li

ħolqu u aktar joħolqu 'l quddiem motiv ta' mistħija u sens ta' sospensjoni u ta' biża' kontinwu jekk tiżżewweġ u toħroġ gravida. Inoltri, il-possibilità li dina t-tifla ssib raġel li jiżżewwigħha jekk ikun jaf b'dana l-inkonvenjent hekk serju, u b'dawk l-isfreġi fuq parti importanti ta' ġisimha — hija wisq remota; u anki jekk dana jsir l-għarusa tkun dejjem esposta għall-mortifikazzjonijiet u ċerti delusjonijiet li immankabilment ikollha tgħaddi minnhom meta l-poesija tal-ħajja matrimonjali tiġi bruskament interrotta bl-iskoperta ta' dawna d-difetti, li jistgħu jinġeneraw f'min jeħodha sens ta' avversità jew ripunjanza, li żgur ma jikkontribwixxu xejn fit-triq tal-prerogativa li kull bniedem għandu versu r-riċerka u l-otteniment tal-feliċità tiegħu fil-ħajja ta' kuljum. Id-destinazzjoni għal infekondità fiż-żwieġ u għall-mistħija fis-soċjetà, huwa aspett ta' danneġġjament li ma jistax jiġi risarċit bi flus. Inoltri, il-Qorti għandha wkoll tieħu in konsiderazzjoni l-fattur prospettat mill-espert, li dina t-tifla tista' tintaqa' f'ħafna komplikazzjonijiet kemm fil-pubertà, kif ukoll fil-gravidanza, li jesiġu spejjeż rilevanti għal kura tagħhom.

Ikkunsidrat:

Li l-Qorti tal-Appell fil-kawża "Victor Savona vs. Dr. Peter Asphar et" deċiża fit-23 ta' Ġunju, 1952. kienet immodifikat id-deċiżjoni tal-ewwel istanza, u aġġudikat lill-attur awment tal-ammont kanonizzat minn £650 għal £900, għall-każ li għalkemm kellu l-fattispecie pietusi tiegħu, ma jistax, fil-kompless tal-konsegwenzi kollha tal-ħajja ta' bniedem jiġi paragunat għal dak taħt eżami.

Illi għalhekk dina l-Qorti hija tal-fehma li l-ammont tal-lukru ċessanti għandu jkun ta' elf lira (£1000).

Ikkunsidrat:

Li l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar l-ispejjeż li l-attur għamel imħabba dana l-inċident, m'għandhiex fondament legali, għaliex huwa risaput li meta l-missier jidher bħala leġittimu rappreżentant ta' tifel minuri, jibqa' dejjem huwa bħala missier responsabbli għal kura ta' ibnu, u kwalunkwe somma erogata fl-interess ta' ibnu hija ripetibbli anki minnu stess, billi waqt il-patria potestà, il-missier għandu kwalunkwe setgħa li jamministra l-beni ta' ibnu minuri, u li jidher għalihom għannom tal-istess minuri. Il-kwistjoni ta' min għandu jissoporti l-ispiża fir-relazzjoni interni bejn il-misseir u t-tifel minuri, ma tikkompetix lit-terzi, multo magis lil min huwa mseijaħ jirrisarċixxu danni, li tagħhom dina l-ispiża hija korollarju ndispensabbli.

Li irriżulta mir-rikors a fol. 32 tal-proċess, li l-ispejjeż tal isptar jammontaw għal £49. Dina l-partita ma tidhirx kontestata, anzi kienet tifforma parti mill-ammont miftiehem fit-trattazzjoni sottomessa għall-approvazzjoni tal-Qorti permezz talimsemmi rikors. Għalhekk il-Qorti jidhrilha li d-"damnum emergens" għandu jkun likwidat fl-ammont ta' £49.0.0.

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tal-attur, u għal fini tat-tieleт talba tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma komplessiva a' elf u disgħa u erbgħin lira (£1049.0.0.) L-ispejjeż iħallashom il-konvenut.